MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 549/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Gordon Formosa**

Kumpilazzjoni Nru: 549/2010

Illum, 15 ta' Lulju, 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Formosa, ta' 37 sena, iben David u Josephine nee' Psaila, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Gunju, 1972 u residenti fil-fond 61 Blackbird, Triq iz-Zabrella, Zabbar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 269272M.

Akkuzat talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda:

1 Fil-lejl ta’ bejn is-19 u l-20 ta’ Frar 2010 gewwa Triq it-Taghlim, Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara hew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara f’ vettura bin-numru ABL 868 ta’ ghamla Toyota Corolla, liema hsarat huma ta’ €1,578.92 ghad-dannu ta’ Alice Cutajar u/jew Gasan Mamo Insurance u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2 U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ April, 2010 gewwa Triq Alessio Erardi, Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel hsara f’ vettura bin-numru FBK 691 ta’ ghamla Toyota Tercel, liema hsarat huma ta’ aktar minn €1,164.7 ghad-dannu ta’ Alice Cutajar u/jew Sterling Car Rentals u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 18 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza mizmuma llum 15 ta’ Lulju 2010 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi li fihom sehhew dawn ir-reati. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-kollaborazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li huwa diga hallas ammont sostanzjali minn dak pretiz mill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin. In oltre, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte civile Alice Cutajar, il-Qorti qed torbot lill-imputat Gordon Formosa b’ obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal perjodu ta’ sena u taht penali ta’ elfejn u tlett mitt Euro (€2,300) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija Alice Cutajar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------